**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Aziz Issah**

**Illum 10 ta' Awwissu 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Aziz Issah detentur tal-passaport tal-Ghana H1966259 billi huwa akkuzat talli nhar it-3 ta' Frar, 2016 ghall-habta ta' 16:00hrs, gewwa Xatt il-Mollijiet, il-Marsa:

1. Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.
2. Hebb kontra Ann Marie Pisani, Sam Mohamed u binthom minuri sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor.
3. Ghamel lil Ann Marie Pisani u bintha minuri theddi bil-kliem.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena, taghmel ordni ta' trazzin.

Semghet ix-xiehda inkluz tal-imputat.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2016, l-imputat kien avzat biex jidher il-Qorti u dan kif kien notifikat fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt fit-22 ta' Frar, 2016 u l-Qorti sabitu hati ta' disprezz u kkundannatu mitejn u hamsin (250) ewro multa u nhareg mandat ta' arrest fil-konfront tieghu.

Rat illi dan il-mandat kien esegwit il-bierah it-Tlieta 9 ta' Awissu, 2016 u s-seduta kienet appuntata ghal dalghodu.

Semghet it-trattazzjoni dwart il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha u ghalhekk l-imputazzjonijiet gew sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta'l-imputat li hija netta.

Il-Qorti tfahhar il-hidma tal-haddiema fi hdan l-AWAS u tikkundanna bi shih lil min ma japprezzax din il-hidma favur dawk minnhom l-aktar li ghandhom bzonn. Mhux sewwa li flok il-grazzi jispiccaw mhedda u nsulentati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 338(dd), 339(1)(d), 249 u 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberah u ssib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena komplessiva ta' sitt (6) xhur prigunerija.

In oltre u b'applikazzjoni ta'l- artikoli 382A u 412C ta'l-istess Kapitolu 9 biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Ann Marie Pisani, Sam Mohamed u binthom minuri qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

U fl-ahharnett il-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li skont l-Att tar-Refugjati, l-Kap 420 tal-Ligijiet ta' Malta skont Artikolu 24 applikazzjoni li ssir minn persuna f'Malta mill-Ghana li tkun qiegħda tfittex protezzjoni internazzjonali hija inammissibbli u dan skont l-Iskeda mehmuza mal-istess Att u ghalhekk ghandhom isiru l-arrangamenti biex x'hin l-hati jiskonta s-sentenza jsiru l-arrangamenti halli jkun ripatrijat lura f'pajjizu.

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**

**Margaret De Battista**

**Deputat Registratur**